Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 21 ta' Jannar 2015
(OR. en)**

**5492/15**

**SOC 23**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill |
| Nru dok. preċ.: | 14325/14 SOC 692 |
| Suġġett: | Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi:<br>- Ħatra tas-Sinjura Maria BORG FILLETTI, membru supplenti għal Malta, minflok is-Sinjura Renee LAIVIERA, li rriżenjat |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sinjura Renee LAIVIERA bħala membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għal Malta).

2. L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006[1] jipprevedi, fost oħrajn, li l-Kunsill għandu jaħtar 18-il membru, kif ukoll il-membri supplenti, tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għal perijodu ta' tliet snin.

[1] ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

3. It-tmintax-il membru u membru supplenti maħtura mill-Kunsill jirrappreżentaw tmintax-il Stat Membru fl-ordni tal-Presidenzi b'rotazzjoni, fejn jinħatar membru wieħed u membru supplenti wieħed minn kull Stat Membru.

4. Il-Gvern ta' Malta ppreżenta lill-kandidata li ġejja biex tieħu post il-membru supplenti li rriżenjat, għall-bqija tal-mandat attwali li jintemm fil-31 ta' Mejju 2016:

Is-Sinjura Maria BORG FILLETTI,
Maniġer
Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza
4th Floor, Gattard House,
National Road,
Blata l-Bajda
HMR 9010
MALTA
Tel: + 356 2590 3866
Fax: + 356 2590 3851
posta elettronika: maria.filletti@gov.mt

5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għalhekk jissuġġerixxi li l-Kunsill:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża dwar is-sostituzzjoni ta' membru supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

___

**ANNESS**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

dwar is-sostituzzjoni ta' membru supplenti

tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew

għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tad-29 ta' Mejju 2013[3] il-Kunsill ħatar, għall-perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2016, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

(2) Post ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern sar vakanti bħala riżultat tar-riżenja tas-Sinjura Renee LAIVIERA.

(3) Il-Gvern ta' Malta ppreżenta nomina għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

2 ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.
3 ĠU C 151, 30.5.2013, p. 12.

Artikolu 1

Is-Sinjura Maria BORG FILLETTI hija b'dan maħtura membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi minflok is-Sinjura Renee LAIVIERA għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-31 ta' Mejju 2016.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President